



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 19 ta' Ġunju 2012 (20.06)
(OR. en)**

11607/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0157 (NLE)**

**EEE 80
AGRILEG 92**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	19 ta' Ġunju 2012
Nru dok. Cion:	COM(2012) 296 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2012) 296 final



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 19.6.2012
COM(2012) 296 final

2012/0157 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
dwar emenda għall-Anness II
(Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni)
tal-Ftehim taż-ŻEE**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-omoġeneità li huma neċessarji għas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni kollha rilevanti tal-Unjoni Ewropea fil-Ftehim dwar iż-ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tagħha.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill) għandu l-għan li jintegra r-Regolament (UE) Nru 1274/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2012, l-2013 u l-2014 biex tiġi żgurata konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jivvaluta l-esponiment tal-konsumatur għalihom.

Ir-Regolament (KE) Nru 1213/2008 li jikkonċerna programm Komunitarju kkoordinat ta' kontroll multiannwali għall-2009, l-2010 u l-2011 sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi kienet integrata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE b'ċerti adattamenti għall-Istati tal-EFTA li jagħmlu parti miż-ŻEE.

Dawn l-adattamenti għandhom jiġu trasferiti għar-Regolament (UE) Nru 1274/2011.

L-adattamenti jikkonċernaw in-numru ta' pestiċidi li għandhom jiġu mmonitorjati mill-Islanda u l-għadd ta' kampjuni ta' kull prodott li għandhom jittieħdu u jiġu analizzati mill-Islanda u min-Norveġja. Huma jagħtu kas, b' mod partikolari, il-kapaċità limitata tal-laboratorji biex tkun tista' ssir analiżi tar-residwi ta' pestiċidi fl-Islanda.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li, fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni għal Deċiżjonijiet bħal dawn.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE lill-Kunsill biex jadottaha bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tippreżentah lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
dwar emenda għall-Anness II
(Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni)
tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43(2) u 168(4)(b), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea² ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim taż-ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (3) L-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE fih dispożizzjonijiet u arranġamenti dwar regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1274/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2012, l-2013 u l-2014 biex tiġi żgurata konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jivvaluta l-esponiment tal-konsumatur għalihom³ għandu jiġi integrat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 li jikkonċerna programm Komunitarju kkoordinat ta' kontroll multiannwali għall-2009, 2010 u 2011 sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali u biex tevalwa l-

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

² ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

³ ĠU L 325, 08.12.2011, p. 24

esponiment tal-konsumatur għalihom⁴ għie integrat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE b'ċerti adattamenti għall-Istati tal-EFTA li jagħmlu parti miż-ŻEE.

- (6) Dawk l-adattamenti għandhom jiġu trasferiti għar-Regolament (UE) Nru 1274/2011. L-adattamenti għandhom x'jaqsmu man-numru ta' pestiċidi li għandhom jiġu mmonitorjati mill-Islanda u l-għadd ta' kampjuni ta' kull prodott li għandhom jittieħdu u jkunu analizzati mill-Islanda u min-Norveġja, u jagħtu kas, b'mod partikolari, tal-kapaċità limitata tal-laboratorji Islandiżi.
- (7) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat.
- (8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar il-modifikazzjoni tal-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li hu meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jistgħu jaqblu fuq tibdil minuri għall-abbozz tad-Deċiżjoni mingħajr ma jistennew deċiżjoni mingħand il-Kunsill.

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

⁴ ĠU L 328, 6.12.2008, p. 9

ANNEX

Abbozz ta'

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni)

tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru ... ta'...¹.
- (2) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1274/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2012, l-2013 u l-2014 biex tiġi żgurata konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jivvaluta l-esponiment tal-konsumatur għalihom² għandu jiġi integrat fil-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008³, li hu integrat fil-Ftehim, ġie rrevokat fl-UE u għaldaqstant għandu jiġi rrevokat ukoll skont il-Ftehim,
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni li toqot oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-kwistjonijiet ta' oġġetti tal-ikel ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni għall-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim. B'hekk, din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 54zzzzb (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008) jiġiħassar.

¹ ĠU L ...

² ĠU L 325, 8.12.2011, p. 24.

³ ĠU L 328, 6.12.2008, p. 9.

2. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 65 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1171/2011):

‘66. **32011 R 1274**: Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1274/2011 tas-7 ta’ Diċembru 2011 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta’ kontroll għall-2012, l-2013 u l-2014 biex tiġi żgurata konformità mal-livelli massimi ta’ residwi ta’ pestiċidi ġo u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jivvaluta l-esponiment tal-konsumatur għalihom (ĠU L 352, 8.12.2011, p. 24).

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinftehimu skont l-adattamenti li ġejjin:

1. Dan li ġej jiżdied fl-Artikolu 1:

"L-Islanda tista', għas-snin 2012, 2013, 2014, tkompli tiegħu kampjuni u twettaq analizzjiet għall-istess 61 pestiċida li ġew immonitorjati fil-prodotti tal-ikel fis-suq tagħha fl-2011."

2. Dan li ġej jiżdied fil-punt 5 tal-Anness II:

“

IS	12 (*)
	15 (**)
NO	12 (*)
	15 (**)

”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 1274/2011 bl-ilsien Islandiż u b’dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ ma’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċizzjoni tidħol fis-seħħ fi , dment li jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim⁴.

⁴

[Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
[...]

Is-Segretarji
tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
[...]